StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Ro

**L-EWWEL SENA** | **MALTI** | **ĦIN : SAGĦTEJN**

# (KARTA SPEĊJALI)

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ___________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 30 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# A. Silta għall-qari (18-il marka)

## Il-granċ



Jien inkun mistoħbi fil-blat. Inkella n-nies jaqbduni u malajr insib ruħi ġo xi barmil jew maqbud f'xi nofs flixkun ilma tal-plastik.

Hawn min jaqbadna biss għall-gost jew biex jiklulna saqajna. Mur arani b'xi sitt saqajn nieqsa! Jien diġà qiegħed sew nimxi la ġenba, nixxengel iktar jonqosni!

S'issa dejjem irnexxieli nistaħba sew u għalhekk għadni b'żewġ idejn u tmien saqajn. Ħeqq, kieku żgur mhux qiegħed hawn magħkom. Mhux hekk?

(Addattament minn kitba ta' N. Turner li dehret f'*Ranċu, Is-Sindku tal-Granċijiet*)

1. Agħżel l-aħjar kelma billi tirriga sinjal taħtha: (6 marki)

i. Jien (għasfur, ħuta, granċ).

ii. Nistaħba fil-(blat, ħaxix, baħar) ħalli ma jaqbdunix.

iii. Inkella nsib ruħi f'xi (tazza, nassa, barmil).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Sib u ikteb il-kelma li jonqos: (6 mar

i. Xi kultant ipoġġuni f'xi f__________ tal-plastik.

ii. Ġieli jaqbduna biex jieklu s_____________.

iii. Oħrajn jaqbduna għall-g_______.

3. Veru jew Falz? (6 marki)

i. Jien nimxi la ġenba. __________

ii. S'issa dejjem staħbejt. __________

iii. Għadni b'żewġ idejn u żewġ saqajn. __________

## B. Lingwa (28 marka)

1. Imla l-vojt bil-vokali minn ġol-kaxxa bħal fl-eżempju: (6 marki)

qatt u s  r __ dju 

fr __ ġġ  *m __ bile* 

lap __ s  b __ b 

m __ tur 

| a, e, i, o, **u**, ie |
|---|

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Għaqqad l-artiklu (Kolonna A) mal-mezzi tat-trasport (Kolonna B) bħal fl-eżempju: (8 marki)

| | A | | B | |
|---|---|---|---|---|
| 1 | it- | | ajruplan |  |
| 2 | il- | | dgħajsa |  |
| 3 | ix- | | ħelikopter |  |
| 4 | l- | **1** | tren |  |
| 5 | id- | | xarabank |  |

3. Dawn l-affarijiet issibhom kollha fil-kamra tas-sodda, fil-kċina jew fil-ġnien. Poġġihom fil-kaxxa t-tajba bħal fl-eżempju: (8 marki)

sodda  *cooker*  fjuri 

gradenza  siġra  gwardarobba 

furketta  farfett  taġen 

| kamra tas-sodda | kċina | ġnien |
|---|---|---|
| sodda | | |
| | | |
| | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Agħżel l-ittra t-tajba bħal fl-eżempju: (6 ma

li **b** sa (b, p)  ħob __ (ż, s)  ċrie __ (v, f) 

spa __ (k, g)  inbi __ (d, t)  tabi __ (b, p) 

sil __ (ċ, ġ) 

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa ħalli tikteb ittra liz-ziju tiegħek Paul, li jgħix l-Ingilterra.

23, ____ it-Twila,
Victoria, VCT4321,
Għawdex.

3 ta' ______, 2010

_________ ziju Paul,

Kif inti? Nispera li tinsab tajjeb. Qiegħed niktiblek _______ biex nistiednek tiġi tqatta' l-vaganzi tas-sajf hawn magħna. Taf kemm tbiddel Għawdex minn mindu tlaqt biex issib xogħol? Mela ejja ħalli ndawrek dawra mal-gżira tat-tliet għoljiet.

________ u nawguralek dak kollu li tixtieq qalbek.

________________,

Sarah.

| Saħħa, | Għażiż, | Triq, | Ġunju, | In-neputija, | ittra |
|---|---|---|---|---|---|

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. Letteratura (12-il marki)

**i. Proża**

### Buzzy l-ajruplan



Buzzy twieled f'10,000 pied għoli. Bħala sodda kellu s-sħab. Bħala kutra kellu l-istilel tas-sema.

Omm Buzzy kienet *jumbo jet* 747 u missieru kien *jet fighter* ta' qawwa tremenda. Ħuh GeeBee kien *air racer* famuż.

Buzzy kien kuntent ħafna fil-familja tiegħu, imma huwa ma riedx ikun *jumbo jet*, jew *fighter*, u lanqas *air racer*. Buzzy ried ikun *Eagle*. Mhux *Eagle* ordinarju.

Buzzy ried li jkun *Christen Eagle*.

(addattament minn **Stejjer tal-Linka** – SEDQA)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal taħtha: (6 marki)

(a) Fejn twieled Buzzy?

(i) Buzzy twieled Mater Dei.
(ii) Buzzy twieled fis-sema.

(b) Min kienu omm u missier Buzzy?

(i) Omm u missier Buzzy kienu ajruplani.
(ii) Omm u missier Buzzy kienu ħelikopters.

(ċ) X'ried li jkun Buzzy?

(i) Buzzy ried li jkun *jumbo jet* mill-kbar.
(ii) Buzzy ried li jkun *Christen Eagle*.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ii. Poeżija**



Benninni ħa norqod,
Benninni bil-ħlewwa,
Kull diqa nessini,
Nessini kull dnewwa; ……..

(strofa mill-poeżija **Lil Ommi** ta' Rużar Briffa)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal taħtha. (6 marki)

(a) *Lil Ommi* kitibha (Dun Karm, Rużar Briffa, Ġorġ Pisani).

(b) Il-poeta jitlob lil ommu (tbennu, ssajjarlu, tgħinu).

(ċ) B'hekk jinsa (l-*homework*, jmur il-quddies, d-dwejjaq).

## E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi (30 marka)

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli l-istorja. (10 marki)

| | |
|---|---|
| Waqt li l-ġenituri qagħdu jibnu l-kamp, jien u ħuti morna ngħumu. | |
| Is-Sajf li għadda, jien u l-familja morna ġurnata *camping*. | **1** |
| Filgħaxija qabbadna ħuġġieġa u għamilna *BBQ*. Kemm kilna għal qalbna taħt sema mimlija kwiekeb! | |
| Għal nofsinhar kilna xi *sandwiches* li kienet ippreparat il-mamà. | |
| Morna qrib il-baħar, sewwasew fuq plajja mimlija ċagħak u ramel. | |
| Wara nofsinhar erġajna morna ngħumu. Din id-darba kien hemm il-ġenituri magħna. Kemm qbiżna u ċafċafna! | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**U**

2. Ikteb l-istorja ta' dawn l-istampi f'**10** sentenzi. Dan il-kliem jista' jgħinek: zija; qattus iswed; ħalib; siġra; ma setax jinżel; ziju; sellum. (20 marka)



StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers